

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża:

- skont ir-rikorrenti, id-deċiżjoni kkontestata tikser id-drittijiet tad-difiża tal-Ungerija, peress li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni elementi essenziali legali u fattwali miġjuba għall-attenzjoni tagħha mill-Ungerija qabel l-għoti tad-deċiżjoni kkontestata;
 - barra minn hekk, skont kif tallega r-rikorrenti, li kieku ma kienx għal din l-irregolarità, l-eżitu tal-proċedura kien ikun differenti u għaldaqstant, il-ksur tad-drittijiet tad-difiża għandu jagħti lok għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.
-

Rikors ippreżzentat fit-18 ta' Settembru 2015 – Lysoform Dr. Hans Rosemann et vs ECHA

(Kawża T-543/15)

(2015/C 406/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Lysoform Dr. Hans Rosemann GmbH (Berlin, il-Ġermanja), Ecolab Deutschland GmbH (Monheim), Schülke & Mayr GmbH (Norderstedt), Diversey Europe Operations BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: K. Van Maldeghem & M. Grunchard, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)

Talbiet

- tiddikjara l-appell ammissibbi u fondat;
- tannulla d-deċiżjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi dwar l-inklużjoni tal-kumpannija OXEA, ibbażata fil-Ġermanja, bħala fornitur tas-sustanza attiva fil-lista prevista mill-Artikolu 95(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2012, dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali;
- tikkundanna lill-ECHA għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri; u
- fid-dawl tal-appell pendent quddiem il-Bord tal-Appell tal-ECHA, tissospendi l-proċeduri skont l-Artikolu 69, u b'mod partikolari l-Artikolu 69(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġeneral, sakemm il-Bord tal-Appell tal-ECHA ikun iddeċċeda dwar l-ammissibbiltà tal-appell quddiemha.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti jsostnu li, billi ppermettiet li kumpannija tiġi inkluża fil-lista prevista fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 fir-rigward ta' sustanza partikolari, l-ECHA naqset milli tapplika l-liġi. In-nuqqasijiet tagħha tagħha f'dan ir-rigward huma bbażati fuq it-tliet motivi li ġejjin:

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq li l-ECHA applikat ħażin ir-regoli dwar ir-rekwiżit li l-kumpannija tippreżenta dossier komplet skont l-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksor tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fdak li l-ECHA ttrattat kumpanniji li kienu fl-istess sitwazzjoni b'mod differenti.
 3. It-tielet motiv, ibbażat fuq ksor tal-Artikoli 62, 63 u 95 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 fdak li kontra r-rekwiżiti ta' dan ir-regolament, l-ECHA naqset milli tiżgura li jkun hemm kundizzjonijiet indaqs bejn dawk il-kumpanniji li pparteċipaw fil-programm ta' reviżjoni tas-sustanza partikolari jagħtu u dawk li peress li ma pparteċipawx fl-imsemmi programm, ma kellhomx isostnu l-ispejjeż relatați (magħrufa bħala "free-riders").
-

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Settembru 2015 – Bimbo vs UASI – ISMS (BIMBO BEL SIMPLY MARKET)

(Kawża T-571/15)

(2015/C 406/37)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Bimbo, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentanti: J. Carbonell Callicó, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: International Supermarket Stores (ISMS) SA (Croix, Franzia)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Applikant: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "BIMBO BEL SIMPLY MARKET" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 10 335 321

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tas-17/07/2015 fil-Każ R 1297/2014-4

Talbiet

- temenda d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell iddatata s-17 ta' Lulju 2015 skont l-Artikolu 65(3) tar-Regolament Nru 207/2009, li jiċċad l-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 10 335 321 fl-intier tiegħu;
- sussidjarjament u fil-każ biss li t-talba ta' hawn fuq tiġi miċħuda, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell iddatata s-17 ta' Lulju 2015;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikoli 8(1)(b), 8(5), 42(2)(3), u 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009.
-